**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 29 ta' Jannar 2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Luke Orsini**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Luke Orsini ta' 26 sena, iben Alexander Orsini u Jane xebba Farrugia, imwieled nhar it-28 t' Ottubru 1998 gewwa l-Pieta, residenti gewwa 4, Sqaq San Anard, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita 0406998M

Akkuzat talli nhar is-26 ta' Jannar 2025 u fil-granet u fil-gimghat ta' qabel, f'diversi positijiet gewwa dawn il-Gzejjer u b'diversi atti maghmulin fi granet, hinijiet u postijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Kiser Ordni ta' Protezzjoni a beneficcju tal-eks siehba tieghu Shanise Ebejer li tigi wkoll omm it-tlett uliedu, moghtija lilu mill-Magistrat Dott. Abigail Critien LL.D.

nhar l-14 t'Ottubru 2024 u dan bi ksur t'Artikolu 412C u 540A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Abigail Critien LL.D. nhar l-14 t' Ottubru 2024, f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta

   Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Luke Orsini u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 2,200 (elfejn u mitejn) Euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2) (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. J.P. Grech LL.D. nhar it-2 ta' Dicembru 2024 f'dan li ma jikkomettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Ligiijiet ta' Malta.

   Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Luke Orsini u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta 3,250 (tlett elef, mitejn u hamsin) Euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat, llum Imhallef Dott. Josette Demicoli LL.D nhar it-18 ta' Novembru 2021, f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 759(2) tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Luke Orsini u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 9,500 (disa t'elef u hames mija) Euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Luke Orisini a beneficju ta' Shanise Ebejer u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghall-persuna ta' Shanise Ebejer jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Luke Orsini b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li thoss xieraq

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta'htija tikkundanna lil Luke Orsini ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' hames (5) snin prigunerija, multa ta' sebat elef Euro (€7,000) u konfiska tal-garanziji imposti fid-digrieti tal-helsien mill-arrest u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

8. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u rregistra ammissjoni fl-ewwel seduta – l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri – u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

9. Hija hadet ukoll in konsiderazzjoni li ghalkemm il-fedina penali tal-imputat m'hix wahda netta, lanqas hija wahda allarmanti.

10. Mill-provi ezebiti u mit-trattazzjoni orali irrizulta li ghalkemm huwa vera li l-imputat ikkomunika diversi drabi ma' Shanise Ebejer minkejja li kien projbit li jaghmel dan b'ordni ta' protezzjoni, hlief ghal kommunikazzjonijiet li jirrigwardaw lil uliedhom minuri, min-naha l-ohra mill-iscreenshots li Shanise Ebejer ipprovdiet lill-Pulzija jidher bic-car li l-iskambju tal-messaggi fuq WhatsApp kien wiehed reciproku, u l-bicca l-kbira tal-konversazzjoni kienet fir-rigward tat-tfal. F'dawn il-messaggi Shanise Ebejer anke talbet lill-imputat jibghatilha flus fuq Revolut biex tkun tista' taqbad taxi sabiex tohodlu t-tfal. Huwa vera li f'hin minnhom il-konversazzjoni iddevjat fuq affarijiet passati ta' bejniethom, pero fl-ebda hin ma' Shanise Ebejer ma waqqfet jew gibdet l-attenzjoni tal-imputat li kien iddevja mis-suggett rigwardanti t-tfal minuri, u hija kompliet mieghu.

11. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li t-tieni, t-tielet, u r-raba' imputazzjonijiet rigwardanti l-ksur ta' tlett digrieti tal-helsien mill-arrest, huma konsegwenzjali ghal fatt li l-imputat ikkommetta r-reat ta' ksur ta' l-ordni ta' protezzjoni, kif mixli fl-ewwel imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

12. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikoli 412C(11), 579(2) u 579(3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu, izda tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena (1), li qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' mitejn Euro (€200) formanti parti mill-garanzija personali imposta fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-14 t'Ottubru 2024, moghti minn din il-Qorti, diversament preseduta.

3. tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' mitejn Euro (€200) formanti parti mill-garanzija personali imposta fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest tat-2 ta' Dicembru 2024, moghti minn din il-Qorti, diversament preseduta.

4. tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' mitejn Euro (€200) formanti parti mill-garanzija personali imposta fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest tat-18 ta' Novembru 2021, moghti minn din il-Qorti, diversament preseduta.

5. tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tat-tlett digrieti tal-ħelsien mill-arrest imsemmija, u għall-konfiska tar-rimanenti ammont tal-garanzija personali imposti fihom.

6. Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Shanise Ebejer. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

13. Ai termini ta’ l-Artikoli 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f’kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

14. Il-Qorti tordna li kopja ta’ l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

15. Il-Qorti tordna komunika ta’ din is-sentenza lil din il-Qorti diversament preseduta li quddiemha jinsabu pendenti t-tlett proceduri kriminali kontra l-imputat li fihom inghataw t-tlett digrieti tal-helsien mill-arrest imsemmija.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**